MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 640/2009

**Marco u Patricia Saliba**
**ID 467565M u 265285M**

**vs**

**Noel Dimech ID 29072M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kundannat ihallashom elf u hames mitt Ewro jew somma verjuri minhabba danni kommessi minnu fil-fond Lloret de Mar, Triq Patri Wistin Born, Marsascala konsistenti fi hsara fil-propjeta’ taghhom u serq ta’ ilma.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

Preskrizzjoni *per* art 2153 tal-Kap 15 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bla pregudizzju, it-talbiet ghandhom jigu michuda ghax il-konvenut m’ghandu x’jaqsam xejn mal-kwistjoni billi l-propjeta’ mertu tal-kawza hija ta’ haddiehor u mhux tal-konvenut u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

II PROVI

1. Fit-22 ta' Novembru 2007 l-attur mar l-Ghassa tal-Pulizia ta' Haz Zabbar fit-8:15am u ghamel rapport li fl-Ghassa hu mnizzel hekk:-

   *Illum Mark Saliba ID 467565M gie jirraporta gewwa l-ghassa ta' Haz Zabbar illi ghall-habta tas-7:00am tela fuq il-bejt tar-residenza tieghu LLoret Del Mar, Triq Wistin Born, M'Scala, fejn sab pipe imqabbad mat-tank tal-ilma u li minnu induna li qieghed jonqoslu l-ilma. Fuq il-bejt hemm xi haddiema li ilhom jahdu hemm u meta dan staqsihom jekk hadux xi ilma dawn qalu li le mhux veru.*

   *Mr. Saliba ilu jinduna li qieghed jinsteraqlu l-ilma ghax dan l-ahhar il-kontijiet qieghed jiguh gholjin aktar mis-soltu.*

   *PC 1580 mar fuq il-post fejn kellem lill-haddiema li huma Robert Farrugia Mob 79252579 u l-imghallem tieghu Noel Dimech ID 290072M Mob 99882517 fejn dawn qalu lil pulizija li kull ma hadu kienu xi zewg bramel ilma.*

   *Mr. Saliba qal lill-Pulizija li ser jiehu parir minn ghand l-avukat dwar il-kaz.*

2. <u>L-attur</u> qal li fis-17 ta' Ottubru 2007 kien qabbad lill-Perit Saviour Borg biex hejja r-Rapport Dok SB (*a fol* 45) datat 17 ta' Ottubru 2007 peress li fil-kamra tat-tifel tal-attur kien dahal l-ilma. L-attur spjega li hu joqghod go maisonette imma fuq it-"top floor" kienu qed isiru xoghlijiet kif jirrizulta mid-Dok SB u ritratti mieghu.

3. Meta mar jara hu fuq il-bejt ra t-tank tal-ilma tieghu u ohrajn maqlughin u ilma mal-art. Sussegwentement ra nies jahdmu fuq il-bejt. Sab ukoll lill-konvenut li kien qed jaghmel xi xoghol. L-ewwel sab il-pipe tat-tank tieghu maqlugh u mbaghad kien raga mdahhal. Meta lill-konvenut semmielu d-dhul tal-ilma, dan wiegbu "sorry" u baqghu hekk. Imbaghad ghadda biex esebixxa r-ritratti Dok MS sa MS7. Din tal-ahhar kienet ittra rigwardanti danni, indirizzata lill-konvenut u dwarha qatt ma rcieva twegiba (ara *fol* 40 sa 46).

4. <u>PC 1580 Jonathan Paris</u>, ikkonferma li kien hu li mar fuq il-fond tal-attur u kkonferma dak li hemm fir-rapport (*para* 1 *supra*) li tnizzel minn WPS 268 fuq li qalilha hu.

5. <u>Michael Buttigieg</u>, rapprezentant ta' ARMS Ltd esebixxa bhala Dok MB1 sa MB2 rendikont ta' konsum ta' dawl u ilma bejn l-2005 u l-2009 fil-fond tal-atturi.

6. Noel Dimech, konvenut qal li jahdem fil-kostruzzjoni u hadem sular u *penthouse* 'l fuq mill-fond tal-atturi. Fir-rigward esebixxa r-ritratti Dok ND1 u ND2 (*a fol* 75-79). Dax-xoghol tahulu Marco Zammit, kuntattur. Qal li l-ilma gabu f'tankijiet u tellghu bi krejn. Hu ma ha ebda ilma u ma jafx ghala l-kawza saret lilu "meta hu qabad lil haddiehor jiehu l-ilma". Fuq il-bejt hu kien ihalli l-*bricks*. Ma jafx kif dahal l-ilma ghand l-atturi u r-ritratti esebiti hadhom meta nfethet il-kawza. Hadhom fl-2007. Hu jaghmel *bricks* u konkos u ma jkollux x'jaqsam mal-*finishing*.

III KONSIDERAZZJONIJIET u DECIZJONI dwar L-ECCEZZJONI ta' PRESKRIZZJONI.

1. L-ewwel ma trid titqies hi l-eccezzjoni a bazi tal-art. 2153 tal-Kap 16. Dan l-artiklu jghid li azzjoni ta' danni li ma toriginax minn offiza kriminali hi preskritta meta jghaddu sentejn. Naturalment dana dment li ma toperax xi ammissjoni jew xi nterruzzjoni ohra.

2. Id-Dok MS7 (*a fol* 40) hu ittra nterpellatorja mill-atturi lill-konvenut, datata 9 ta' Mejju 2009. Din tghid li sar serq ta' kwantita' ta' ilma u saret hsara fil-fond tal-atturi fit-22 ta' Novembru 2007. Wara dan ghandna x-xhieda tal-attur li jghid li meta tela fuq il-bejt u sab lill-konvent u, dan qallu "sorry". Ix-xhieda tal-konvenut hi ghal kollox differenti minn hekk: Jitqies ukoll li ghalkemm jissemma "serq" ma jidher li ttiehdu ebda proceduri kriminali.

3. Il-kawza odjerna giet intavolata fl-10 ta' Awwissu 2009. Mir-riferta *a fol* 12 *tergo* jirrizulta li l-konvenut gie notifikat bl-AVVIZ fl-10 ta' Awwissu 2009. Din in-notifika allura saret qabel ghalqu s-sentejn imsemmija fl-art 2153 tal-Kap 16 (22.11.07 – 10.08.09) u l-konvenut b'ebda mod ma kkontesta d-data ta' Novembru.

4. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari dwar prekrizzjoni qed tigi michuda.

IV KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-MERTU

1. Dwar il-mertu, ir-rapport tal-perit Saviour Borg, imqabbad mill-attur, jghid dan:-

   *Il-post fuq imsemmi jinsab fil-livell tal-pjan terren sottopost taht propjeta' ta' terzi fejn jidher li qeghdin isiru xi xogholijiet strutturali. Dawn il-hsarat jikkonsistu fi dbajja fil-hitan u tbewwiq fl-art li hi maghmula minn-"laminate" (parquet). Dan gara minhabba kwantita' kbira ta' ilma li dahal fil-kamra mill-bitha nterna li hi adjacenti. Dan l-ilma ma dahalx waqt ix-xita, izda waqt li kienu qeghdin isiru l-imsemmija xogholijiet fil-pjanijiet aktar 'l fuq jew fuq il-bejt.*

*Fuq dan il-bejt hemm tank tal-ilma u jista jkun li l-ilma kien gej minn hemm. Fil-fatt hemm indikazzjonijiet li ilma minn dan it-tank ittiehed ghall-uzu tax-xogholijiet li kienu qeghdin isiru. Il-posizzjoni ta' dan it-tank hi tali li, anki jekk ikollu jfur, l-ilma tieghu imur f'wicc il-bejt, bhall-ilma tax-xita, u jghaddi ghal gewwa l-katusa. Wiehed jinnota izda, li fuq dan il-bejt qieghed jinzamm kwantita' kbira ta' materjal tal-bini li jista johloq ostaklu ghall-mixja tal-ilma. Dan il-materjal jidher fir-ritratti annessi. Ghalhekk jidher li, jekk l-ilma li dahal fil-kamra tas-Sinjuri Saliba kien gej mit-tank taghhom stess, dan seta gara biss jekk il-mixja tal-ilma lejn il-katusa kienet ostakoata mill-materjal tal-bini. Fl-opinjoni teighi, izda, l-ilma ma dahalx ghax far it-tank tal-bejt izda kien xi ilma li kien qieghed jintuza waqt ix-xogholijiet.*

2. Giet esebita stima ta' C. Fino & Sons Ltd (Dok MS6 *a fol* 41) li turi hsara ammontanti ghal €598.42c

3. Hawn hu mportanti jigi notat li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2011 gie verbalizzat (*a fol* 54) li Dr. Yanica Caruana ghall-konvenut tezenta lill-atturi milli jressqu konferma bil-gurament ta' dawn iz-zewg dokumenti. Fic-cirkostanzi it-Tribunal ma iqishom hlief haga pruvata.

4. It-Tribunal iqis li jirrizulta abbundantement li l-atturi sofrew hsara u li din grat wara li nbdew ix-xoghlijiet li saru mill-konvenut u b'hekk hu li jrid iwiegeb ghalihom fil-konfront tal-atturi.

5. Meta nigu ghal likwidazzjoni tad-danni, apparti l-istima ta' Fino, il-hsara l-ohra b'ebda mod ma giet kwantifikata. Sew hawn u sew dwar konsum ta' ilma ghad-dannu tal-atturi wiehed jista jasal biss ghal *quantum* fuq bazi ta' ekwita' li hi haga li t-Tribunal hu statutorjament obbligat li jqis. Meta jqis kollox it-Tribunal jiffissa s-somma ta' disa' mitt Ewro (€900.00c). L-imghax kif gej.

V DECIZJONI

Meqjus dan kollu it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **<u>jichad</u>** l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni (2) **<u>jilqa</u>** t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi, in linea ta' danni, il-*quantum* ta' disa' mitt Ewro (€900.00c) u jichadha in kwantu ghall-bqija (3) **<u>jilqa</u>** l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-mertu parzjalment biss, u jichadha in kwantu mhiex kompatibbli ma dak li l-konvenut gie kundannat ihallas lill-atturi (4) **<u>jiddeciedi</u>** li l-*quantum* ta' €900.00 irid jithallas sal-20 ta' Ottubru 2014 u in difett jibda jiddekorri l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u finalment (5) **<u>jiddeciedi</u>** li l-ispejjes kollha jigu sopportati in kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------